MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 68/2005

**Atlas Insurance Limited (C15239) de proprio kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited bhala agent tas-societa estera Atlantica SpA di Navigazione armatur u jew noleggjatur tal-bastiment MV Eurostar Valencia u Cargo Handling Co. Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra li fl-avviz taghha s-societa attrici talbet il-hlas ta’ erba mija u zewg Liri (Lm402) rapprezentanti danni kif ahjar spjegat fl-avviz.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-risposti tal-konvenuti.

Ra li s-societa attrici cediet il-kawza fil-konfront ta' Cargo Handling Co. Ltd. stante transazzjoni.

Ikkunsidra li l-uniku punt li ghadu pendenti f'din il-kawza huwa jekk s-societa attrici ghandhiex thallas ghal ispejjes ta' dawn il-proceduri jew jekk s-societa Sullivan Maritime Ltd noe. ghandhiex thallas l-ispejjes taghha.

Illi mhux kontestat li t-tally sheets juru li ma kien hemm ebda kummenti dwar l-istat tal-vetturi meta dawn nizzlu mill-vapur. Ghalhekk s-societa Sullivan Maritime Ltd. noe ma hiex risponsabbli ghad-danni.

Illi s-societa attrici gabet provi li qabel ma infethet din il-kawza huma talbu hlas mis-societa Sullivan Maritime Ltd. u l-istess societa naqset li tirrispondi jew li tinforma lis-societa attrici li t-tally sheets kienu minghajr kummenti dwar hsarat.

Illi fic-cirkostanzi s-societa attrici kienet ragjonevoli meta bdiet il-kawza ukoll kontra s-societa Sullivan Maritime Ltd.

Illi Sullivan Maritime Ltd. tghid li t-tally sheet ghandu informazzjoni kunfidenzjali izda dan ma ifissirx li meta giet mitluba biex thallas l-istess socjeta' ma setghatx almenu tinforma lis-societa attrici li t-tally sheets kienu "clean".

Illi fid-dawl tal-provi prodotti dan it-Tribunal, jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kawza iktar fil-konfront ta' The Cargo Handling Co. Ltd. billi l-kawza giet ceduta fil-konfront taghha, jichad it-talba ghas-sorte fil-konfront ta' Sullivan Maritime Limited u jiddikjara li s-societa attrici ghandha thallas l-ispejjes taghha u s-societa Sullivan Maritime Limited ghandha thallas l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------